# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlettax (13) ta' Ġunju 2024**

**Rikors Numru 367/2023 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra uffiċjali**
**bin-numru 2012/22**

Fl-ismijiet

**United Acceptance Finance Ltd** (C360)

vs.

**Diandra Dimech** [K.I. nru. 105488(M)],
**Matthew Dimech** [K.I. nru. 206384(M)], u
**50th Boutique Hotel Ltd** (C 85367)

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta' April 2023 ta' Diandra Dimech, ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet s-segwenti:

*Illi, fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), ir-rikorrenti ġiet notifikata bl-ittra ġudizzjarja mertu tal-proċeduri odjerni.*

1. *Illi, ir-rikorrenti qiegħda, permezz tal-preżenti topponi l-eżekuzzjoni tal-kambjali mehmuża mal-ittra uffiċjali w dan stante li, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti qatt ma kellha tkun interpellata fil-kawża odjerna f'isimha propju meta l-kambjali li ġew preżentati u annessi mal-Ittra ntavolata huma ffirmati "propio et nominee 50th Boutique Hotel Ltd";*

2. *Illi, in oltre, jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi, kif ser jiġi pruvat fit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri u għalhekk tali kambjali m'humiex eżegwibbli.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali kollha mehmuża mal-ittra uffiċjali* ***bin-numru*** *fl-ismijiet premessi.*

2. Rat l-Ittra Uffiċjali 2012/2022 li kopja tagħha ġiet annessa flimkien mar-rikors promotur.

3. Rat illi fis-17 ta' April 2023 ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-16 ta' Mejju 2023.

4. Rat l-affidavit ta' Diandra Dimech ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2023. (fol 9)

5. Rat ir-riposta tas-soċjeta' United Acceptance Finance Limited ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2023, fejn laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi in linea preliminari, il-proċeduri odjerni ġew ippreżentati fuori termine u ċioe' wara t-terminu ta' għoxrin (20) jum mogħti mil-Liġi permezz tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti eżekutata Diandra Dimech ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali in kwistjoni fis-6 ta' Ġunju 2022 filwaqt illi r-rikors sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali ġie intavolat minnha kważi għaxar (10) xhur wara u ċioe' fl-4 ta' April 2023, u fit-tieni lok, semmai, kienet is-soċjeta' 50th Boutique Hotel Ltd (C 85367) li ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali in kwistjoni fis-17 ta' Marzu 2023 u mhux ir-rikorrenti eżekutata Diandra Dimech;*

   2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti qiegħda topponi għat-talba tar-rikorrenti eżekutata stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti eżekutata, u dana għas-segwenti raġunijiet;*

   3. *Illi jibda billi jingħad illi r-rikors promotur m'għandux iġib is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni stante illi skont l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din is-sospensjoni tista' tintalab* ***biss*** *jekk minn din il-proċedura speċjali jirriżulta prima facie li: (i) l-firma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qiegħed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tal-mandatarju tagħha; jew (ii) fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni;*

   4. *Illi fit-tieni premessa tar-rikors promotur, ir-rikorrenti eżekutata tallega illi hija qatt ma kellha tkun interpellata fil-kawża odjerna f'isimha propju. Rigward dan il-punt jingħad mis-soċjeta' esponenti, bl-akbar dovut rispett, illi huwa inkonċepibbli kif ir-rikorrenti eżekutata l-ewwel tgħid illi hija ma kellhiex tkun interpellata f'din il-kawża f'isimha propju, pero' fl-istess premessa hi stess qed tirrikonoxxi illi l-kambjali li ġew ippreżentati u annessi*

*mal-ittra uffiċjali in kwistjoni huma ffirmati propio et nomine 50th Boutique Hotel Ltd;*

5. *Illi apparti minn hekk, fit-tielet premessa tar-rikors promotur, ir-rikorrenti eżekutata tallega illi in oltre, jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi – pero' ma telenkax dawn ir-raġunijiet oħra gravi u validi fir-rikors tagħha.*

*Illi fir-rigward ta' dan il-punt, dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Mohammed Dawdi vs Cassar and Schembri (Marketing) Limited (C 33174)*** *fid-Digriet tagħha datat it-2 ta' Mejju 2016 (Rikors Numru 1035/2014 LM) irriteniet:*

> *Tqis illi l-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u validi u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġiżlatur iżda intenzjonalment għax il-leġiżlatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f' liema każijiet għandha tilqa' t-talba jew le. "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni" (****Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi*** *– PA deċiża fil-5 ta' Frar 2008).*

*Illi hekk kif ġie deċiż mill-Qrati tagħna, din hija proċedura preliminari ta' stħarriġ u verifika fejn il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura jirriżulta prima facie waħda miż-żewġ raġunijiet tassattivi msemmija fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hawn fuq ċitati. F'din il-proċedura, l-Qorti m'għandhiex tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjali nfushom, u dan hekk kif ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet* ***Windsor Company Limited (C 2322) vs Sovereign Hotels Limited (C 10538)*** *(Rikors Numru 239/2008 AF):*

> *Il-verifika li għandha ssir mingħajr ma jsir stħarriġ dwar il-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reċiproki bejn il-partijiet u dan għaliex l-istħarriġ tal-mertu jmissu jsir fil-kawża li jkollha titressaq mill-kreditur f'każ li l-Qorti tilqa' it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, il-kambjala nnifisha hija prova tad-dejn li jkun inħoloq u l-emenda li saret bid-dħul fis-seħħ tal-Att IX tal-2004 li bih il-kambjala saret titolu eżekuttiv, kienet intiża sabiex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi każ ferm limitati.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, s-soċjeta' esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba tar-rikorrenti eżekutata Diandra Dimech fl-intier tagħha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti eżekutata, u dan salv dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

6. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2023, il-Qorti ordnat illi kopja intiera tal-atti tal-Ittra Uffiċjali tiġi ppreżentata mir-Reġistru tal-Qorti, liema atti ġew ippreżentati fl-10 ta' Ottubru 2023.

7. Rat illi fid-29 ta' Novembru 2023, is-soċjeta' United Acceptance Finance Limited talbet lill-Qorti tinvestiga l-anomaliji illi jidher illi hemm fir-riferti tas-soċjeta' 50 Boutique Hotel Limited, in vista ta' diskrepanzi li dehru bejn il-kopja fil-pussess tas-soċjeta' United Acceptance Finance Limited u dik ppreżentata mir-Reġistratur tal-Qorti.

8. Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qorti ippreżentata fl-20 ta' Diċembru 2023 fejn ġie spjegat illi s-soċjeta' 50 Boutique Hotel Limited ġiet erronjament indikata bħala notifikata fis-6 ta' Ġunju 2022 filwaqt illi attwalment eventwalment ġiet notifikata fis-17 ta' Marzu 2023.

9. Rat illi jirriżulta li Diandra Dimech ġiet debitament notifikata fis-6 ta' Ġunju 2022, kif ikkonfermat minnha stess fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023.

10. Rat illi fit-13 ta' Frar 2024, il-Qorti ġiet infurmata mir-rikorrenti illi kienet qed tiddiskuti transazzjoni mas-soċjeta' United Acceptance Finance Limited.

11. Rat illi fis-7 ta' Mejju 2024, il-Qorti ġiet infurmata mis-soċjeta' United Acceptance Finance Limited illi transazzjoni ma ntlaħqitx.

12. Rat illi għalhekk, fis-7 ta' Mejju 2024, il-Qorti ordnat li r-rikors kellu jitħalla għal digriet finali.

13. Rat l-provi ta' l-Artikolu 253 (e) li jipprovdi dan li ġej:

    *B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, **u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note eżegwibbli**, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna teżiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

14. Rat illi jidher illi r-rikorrenti Diandra Dimech ġiet notifikata bl-Ittra Uffiċjali 2012/12 fis-6 ta' Ġunju 2022, filwaqt illi l-azzjoni odjerna saret fl-4 ta' April 2023!

15. Jidher ċar, għalhekk, illi r-rikors odjern ma messu qatt sar, peress illi mhux tali kienu għaddew għoxrin ġurnata (20) minn meta r-rikorrenti irċeviet l-Ittra Uffiċjali, illi kienu saħansitra għaddew tlett mija u tlett-il ġurnata (303).

16. Jidher ċar illi r-rikors kif redatta mill-konsulent legali tar-rikorrent Diandra Dimech kien intiż UNIKAMENT sabiex itawwal iż-żmien lil Diandra Dimech sabiex tipprova tasal għal soluzzjoni mas-soċjeta' United Acceptance Finance Limited, bit-tama illi tali

dilungar jista' jwassal lis-soċjeta' United Acceptance Finance Limited tikkapitula għar-rikjesti ta' Dimech, liema fatt iżda ma ġarax.

17. Tali aġir ma jistax ħlief jiġi disprezzat u kkundannat mingħajr ebda riservi minn dina l-Qorti.

18. Apparti minn hekk, il-Qorti ma tara assolutament ebda raġuni 'l għaliex ma għandhiex tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li qajjmet is-soċjeta' United Acceptance Finance Limited.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** t-talba rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**